30 ta' Mejju, 1949

Imħallef :

L-Onor. Prof. Dr. E. Ganado, LL.D.

Paolo Vassallo *versus* Johnnie Pirotta

**Serviġi — Mara Miżżewġa — Komunjoni ta' l-Akkwisti — Illeġittimità tal-Persuna — Lokazzjoni — Senserija — Ordinanza XXIX ta' l-1947.**

*Għalkemm f'kawżi dwar serviġi magħmula minn mara miżżewġa jkun iżjed regolari illi l-mara tidher anki bħala attriċi mar-raġel, iċ-ċitazzjoni ma hix irritwali jekk għal dawn is-serviġi jaġixxi r-raġel waħdu mingħajr il-preżenza tal-mara; għax dawk is-serviġi huma tal-komunjoni ta' l-akkwisti, u għalhekk ir-raġel, bħala kap ta' dik il-komunjoni, jista' jaġixxi għalihom anki waħdu.*

*Lanqas jista' r-raġel li hekk jaġixxi jiġi milqut bl-eċċezzjoni ta' l-illeġittimità tal-persuna fuq il-motiv li huwa jidher personalment, u mhux bħala kap tal-komunjoni ta' l-akkwisti; għax huwa qiegħed jitlob ħaġa li hija tiegħu waqt iż-żwieġ; u għalhekk huwa mhux jidher għal ħadd ieħor. U għalkemm f'każi simili ħafna drabi jiġi ndikat fiċ-ċitazzjoni li r-raġel qiegħed jaġixxi bħala kap tal-komunjoni ta' l-akkwisti, dina l-indikazzjoni tal-kwalità tiegħu ma hix "stricto jure" meħtieġa.*

*Skond l-Ordinanza XXIX ta' l-1947 is-senserija dwar il-kiri ta' djar, sija bl-għamara kemm mingħajr għamara, ma għandhiex qatt tkun aktar minn nofs ta' xahar kera.*

Il-Qorti — Rat it-talba ta' l-attur għall-kundanna tal-konvenut quddiem il-Qorti Ċivili tal-Maġistrati tal-Pulizija Ġudizzjarja ta' Malta, sabiex iħallas is-somma ta' £5 li huwa obliga

ruħu li jħallas għas-serviġi li rrendielu. Bl-ispejjeż, kompriżi dawk ta' l-ittra interpellatorja;

*Omissis;*

Rat is-sentenza mogħtija mill-Qorti fuq imsemmija fit-22 ta' April 1949, fejn laqgħet it-talba ta' l-attur limitatament għas-somma ta' £1. 10. 0, ċaħditha għall-kumplament, u ordnat illi l-ispejjeż jitħallsu żewġ terzi mill-attur u terz mill-konvenut; wara li kkunsidrat;

Illi mill-provi rriżulta illi l-konvenut kien offra rigal ta' £5 jekk isiblu post fejn imur joqgħod fih; illi l-attur kien sab fond, imma billi sid il-kera opponu ruħu għaċ-ċessjoni tal-lokazzjoni li ried jagħmel l-inkwilin in-negozju ma seħħx; illi iżjed tard il-mara ta' l-attur saret taf illi kien hemm post f'Old College Street, Sliema, li kien jinsab okkupat mis-Surġent tal-Pulizija Cordina............ Peress illi l-attur ma setax imur jinforma lill-konvenut b'dan il-post, marret martu........... Il-konvenut deher illi ma kellux interess f'dan il-post........... Iżjed tard però l-attur u martu saru jafu illi l-konvenut kien kera dan il-fond u mar joqgħod fih; illi l-konvenut ċaħad illi kien sar jaf b'dan il-fond per mezz tal-mara ta' l-attur, anzi qal illi...........; illi l-versjoni tal-mara ta' l-attur hija iżjed verosimili, u ċjoè illi l-konvenut u martu saru jafu bid-disponibilità tal-fond in kwistjoni per mezz ta' l-informazzjonijiet li kienet tathom hija. Illi għalkemm l-attur bħala kap tal-komunjoni ta' l-akkwisti għandu dritt li jitlob il-kumpens għas-serviġi li rrendiet martu lill-attur, dawn is-serviġi huma indipendenti għal kollox mill-ftehim li kien sar direttament bejnu u bejn il-konvenut fis-sens illi jekk isiblu dar jagħtih £5; u dana għaliex is-serviġi ġew prestati minn martu li ma kellha ebda parti minn dak il-ftehim; mhux biss, imma anki għaliex is-serviġi li rrendiet il-mara tiegħu ma kienux biżżejjed waħedhom sabiex isir in-negozju, tant illi hija lanqas ħadet parti fil-ftehim;

Illi wara li ħadet in konsiderazzjoni ċ-ċirkustanzi kollha tal-każ, ġie likwidat il-kumpens dovut lill-attur għas-serviġi li rrendiet martu "arbitrio boni viri" fis-somma ta' £1. 10. 0;

Rat in-nota ta' l-appell tal-konvenut Pirotta u ċ-ċitazzjo-

ni tiegħu fejn talab illi tiġi revokata s-sentenza fuq imsemmija; bl-ispejjeż;

*Omissis;*

Tikkunsidra;

Illi fuq l-eċċezzjoni ta' l-inappellabilità, għalkemm issomma mitluba hija ta' £5, u s-somma li ġiet kanonizzata hija dik ta' £1. 10. 0, l-appellant issottometta illi hemm kwistjoni ta' dritt, jekk ċjoè, wara li t-talba ġiet impernjata fuq serviġi li rrenda, jew li jippretendi li rrenda, l-attur, u fuq obligazzjoni analoga tal-konvenut appellant, setgħetx l-Ewwel Qorti tiddeċidi l-kawża fuq xi serviġi illi l-Ewwel Qorti rriteniet illi, indipendentement mill-ftehim, irrendiet il-mara ta' l-attur. Issottomissjoni ta' l-appellant fuq dan il-pont tidher bażata, għaliex l-Ewwel Qorti rriteniet illi l-ftehim pretiż mill-attur ma rriżultax biżżejjed, u mbagħad għaddiet biex tara jekk "aliunde" jirriżultax illi l-mara ta' l-attur għamlet xi xogħol in konnessjoni mal-lokazzjoni ta' dan il-post a vantaġġ tal-konvenut, u għalhekk tiġi l-kwistjoni, li hija evidentement kwistjoni ta' dritt, jekk l-Ewwel Qorti setgħetx tagħmel dan. Imbagħad hemm kwistjoni oħra li hija wkoll ta' dritt, jekk ċjoè s-somma kanonizzata għandhiex tiġi jew le ridotta in vista ta' l-Ordinanza XXIX ta' l-1947;

Għal dawn r-raġunijiet;

Tirrespinġi l-eċċezzjoni ta' l-inappellabilità ta' dik is-sentenza, u in vista taċ-ċirkustanzi tal-każ tordna illi l-ispejjeż ma jkunux taxxati; id-dritt tar-reġistru jitħallas mill-appellat;

Tikkunsidra;

Illi fil-meritu l-kwistjoni ma hix iżjed qiegħda kif ġiet impostata fiċ-ċitazzjoni, la darba l-appellat talab il-konferma ta' dik is-sentenza, imma fuq is-serviġi illi l-mara ta' l-attur irrendiet in okkażjoni ta' din il-lokazzjoni. Għalkemm f'każ simili kien ikun iżjed regolari, in vista ta' l-emendi apportati fis-sens 1913 fil-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili, illi l-mara tidher anki mar-raġel fuq serviġi pretiżi magħmula minn għandha, u jingħad mar-raġel għaliex il-preżenza tiegħu, mhux biss biex jassistiha imma anki personalment, hi dejjem neċessarja bħala kap tal-komunjoni ta' l-akkwisti, u għalhekk jekk ma hemmx il-preżenza tar-raġel il-konvenut ma jistax jiġi kun-

dannat iħallas il-mara miżżewġa, iżda ma tistax tinġibed il-konklużjoni illi ċ-ċitazzjoni hija irritwali billi ma hemmx dik il-preżenza tal-mara, kif din il-Qorti anki reċentement, f'każi simili ta' serviġi magħmula minn mara miżżewġa, irriteniet illi huwa desiderabili li jkun hemm il-preżenza tal-mara f'dawn il-kawżi meta hija kienet dehret attriċi mar-raġel attur ukoll u ġiet mogħtija lilha l-eċċezzjoni ta' l-illeġittimità, għaliex la darba fis-sistema tagħna tal-lum, il-mara miżżewġa ġiet am-messa bl-emendi tas-sena 1913 illi tidher hija stess, dejjem bħala attriċi, fil-kawżi konċernenti l-beni tagħha, kontra s-sistema antik, meta r-raġel kien jista' jidher "maritali nomine"; u għalhekk, għalkemm f'dawn il-każi ta' serviġi magħmula minn mara miżżewġa wara ż-żwieġ, din l-azzjoni tmiss lill-komunjoni ta' l-akkwisti, għaliex is-serviġi huma ta' dik il-komunjoni, u għalhekk strettament huwa r-raġel bħala kap tal-komunjoni li għandu jaġixxi; u ntqal f'dawk il-kawżi illi peress illi s-serviġi ġew magħmula mill-mara miżżewġa, huwa utili illi anki hija tidher quddiem il-Qorti bħala attriċi. Mill-banda l-oħra però dik il-preżenza mhijiex assolutament neċes-sarja la darba l-kreditu huwa tal-komunjoni ta' l-akkwisti, u r-raġel waqt il-komunjoni "vivit uti dominus". Għalhekk rit-walment ma hemm xejn kontra l-liġi billi l-Ewwel Qorti daħlet f'din il-kawża f'dik il-kwstjoni, għalkemm is-serviġi huma tal-mara u r-raġel huwa attur;

Lanqas hija ta' rilevanza ċ-ċirkustanza illi l-attur qiegħed jidher f'dawn l-atti personalment mentri fil-kreditu kanoniz-zat mill-ewwel Qorti huwa għandu neċessarjament jidher bħa-la kap tal-komunjoni. L-eċċezzjoni ta' l-illeġittimità tal-per-suna tista' skond il-liġi (art. 781 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċi-vili) tingħata biss meta l-attur jew konvenut mhumiex kapaċi skond il-liġi biex joqgħodu f'kawża, jew inkella wieħed qie-għed jidher għan-nom ta' ħadd ieħor mingħajr ma huwa awto-rizzat skond il-liġi għal dan il-fini. F'dawn il-każijiet l-attur ma kienx jista' jġib 'il quddiem dak il-kreditu. Issa f'din il-kawża la l-wieħed u lanqas l-ieħor minn dawn il-każijiet ma javvera ruħu; mhux l-ewwel, għax ma hemm l-ebda kuntrast illi l-at-tur mhux persuna kapaċi skond il-liġi; mhux it-tieni, għaliex il-kreditu kanonizzat favur tiegħu mhuwiex ta' martu, imma

huwa tal-komunjoni ta' l-akkwisti, li hija tiegħu waqt iż-żwieġ, għaliex "vivit uti dominus", u allura huwa mhuwiex qiegħed jidher għal ħadd, imma għal kreditu tiegħu. U għalhekk, għalkemm f'dawn il-każijiet ħafna drabi jingħad illi r-raġel qiegħed jidher bħal kap tal-komunjoni, dan "stricto jure" lanqas ma huwa neċessarju, għaliex wieħed juri l-kwalità tiegħu li qiegħed biha jaġixxi meta l-kreditu ma jkunx tiegħu, u mhux meta dak il-kreditu huwa tiegħu stess, sija pure bħala kap tal-komunjoni; salva ġurnata l-likwidazzjoni ta' din il-komunjoni, li, huwa rilevanti jingħad, ma għandhiex personalità għaliha separata minn dik tar-raġel;

Għalhekk ma hemm l-ebda difett mill-fatt illi l-attur mhux indikat bħala kap tal-komunjoni;

Tikkunsidra;

Illi fuq dawk is-serviġi li rrendiet il-mara ta' l-attur, din il-Qorti taqbel ma' dak li rriteniet l-Ewwel Qorti. Infatti jidher ċar........... Jidher illi l-partijiet ġew jafu b'xulxin per mezz ta' l-opra tal-mara ta' l-attur;

Tikkunsidra;

Illi fuq il-likwidazzjoni tal-kumpens l-appellant eċċepixxa illi skond l-Ordinanza XXIX ta' l-1947 is-senseriji dwar il-kiri ta' dar, sew jekk bl-għamara jew mingħajrha, qatt ma għandha tgħaddi nofs il-kera ta' xahar tad-dar. Fil-każ in eżami l-kera huwa ta' £24, kif irriżulta mix-xhieda tal-konvenut; u għalhekk is-senserija ma tistax tgħaddi s-somma ta' £1. Ma jidherx illi għal dak li għamlet il-mara ta' l-attur għandha tieħu serviġi li huma jgħaddu l-maximum tas-senserija; u għalhekk is-somma ta' £1 tidher li hija biżżejjed;

L-appellat issottometta illi s-somma kanonizzata hija għas-serviġi u mhux għas-senserija; imma taħt iċ-ċirkustanzi, apparti kwalunkwe konsiderazzjoni oħra, ma jidherx illi dawk is-serviġi għandhom jissuperaw il-maximum tas-senserija;

Għal dawn ir-raġunijiet u għal dawk ta' l-Ewwel Qorti, sa fejn kompatibili;

Tilqa' l-appell fis-sens (1) illi tirrespinġi t-talba għall-kawżali dedotta; u (2) tilqa' dik it-talba għas-serviġi li rrendiet il-mara ta' l-attur, u tillikwida dik is-somma għal £1 u mhux għal dik likwidata mill-Ewwel Qorti; u għal dik is-somma li-

kwidata b'din is-sentenza l-konvenut huwa kundannat. L-ispejjeż ta' l-ewwel istanza jibqgħu regolati kif ġew deċiżi mill-Ewwel Qorti; l-ispejjeż ta' dana l-appell, barra minn dawk fuq deċiżi, jitħallsu żewġ terzi mill-appellant u terz mill-appellat. U f'dan is-sens tirriforma s-sentenza li minnha hemm dana l-appell.